# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**(10 marki)**

**Taqsima A** Kompli s-sentenzi li jibdew f'kolonna A mal-kliem f'kolonna B billi timla n-numri, skond is-sens tas-sentenzi, fil-kolonna l-vojta tan-nofs.

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Fit-trasfigurazzjoni ma' Ġesù dehru jitkellmu | | "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu." |
| 2. | Fuq il-muntanja Tabor imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen igħid: | | jekk ma tistrieħx fik." |
| 3. | Ġesù qal: "Henjin għajnejkom għax qegħdin jaraw; henjin widnejkom għax qegħdin jisimgħu. | | Iqfulu sħaħ fil-fidi." |
| 4. | L-ewwel tentazzjoni li Ġesù kellu fid-deżert kienet: | | fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. |
| 5. | "L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex lil min jibla'. | | Tassew ngħidilkom li bosta profeti u nies ġusti xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawhx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma semgħuhx." |
| 6. | Fit-talba ta' Santu Wistin insibu: "Mulej, Inti ħlaqtna għalik u qalbna ma tistrieħx | | tkunu tagħmluh miegħi." |
| 7. | "Ikun imbierek isem il-Mulej | | jiġifieri minn kemm tħobbu lil xulxin." |
| 8. | "Kull ma tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, | | "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż." |
| 9. | "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, | | minn issa u għal dejjem." |
| 10. | U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu; | | Mosè u Elija. |

**Taqsima B** **(20 marka)**

Il-Ħbiberija

Għalkemm Ġesù kien l-Imgħallem u l-Mulej, qal dan il-kliem:
*"Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x' jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb għaliex kulma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom." (Ġwanni 1,15)*

1. Ġesù lil min qal dan il-kliem?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex Ġesù qalilhom dan il-kliem?

_______________________________________________ (3 marki)

3. Skond Ġesù x'titlob il-ħbiberija vera bejn il-ħbieb?

_______________________________________________ (4 marki)

4. Għid kif tinkiser is-sinċerità bejn il-ħbieb?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

5. X'tistenna mingħand il-ħbieb vera tiegħek? Semmi u ikteb dwar **erba'** kwalitajiet.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (8 marki)

**Taqsima Ċ** Wieġeb fil-qosor. **(25 marka)**

1. Xi tfisser il-kelma 'tweġġaħ' fir-raba' kmandament?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex għandna ngħożżu u nieħdu ħsieb ir-rigal tas-sess?

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

3. X'tifhem meta ngħidu li ġisimna huwa tempju ta' l-Ispirtu s-Santu?

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

4. Fisser il-kelma 'infatwazzjoni'.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

5. X'nifhmu meta ngħidu li r-raġel u l-mara huma ndaqs?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

6. X'ried ifisser Alla meta lill-ewwel bnedmin hu qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art". (Ġen. 1, 28)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

7. X'affarijiet mill-aktar importanti tana Alla li ma tahomx lill-annimali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

8. X'eżempji tana Ġesù biex jurina li jħobbna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

9. Ikteb **żewġ** affarijiet li tista' tagħmel biex timxi fit-triq, pass pass, lejn il-Ġenna.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (4 marki)

10. Semmi **t-tliet** persuni tat-Trinità Qaddisa.

______________________________________________________________ (marka)

**(15-il marka)**

**Taqsima D** Agħżel **wieħed** minn dawn u ikteb mhux inqas minn **30 kelma** dwaru.

1. Il-ħbieb ta' Ġesù – Lazzru u ħutu.
2. Il-kuxjenza.
3. It-tentazzjonijiet.

**(30 marka)**

**Taqsima E** Wieġeb dawn iż-żewġ mistoqsijiet fuq karta separata f'mhux inqas minn **40 kelma** kull waħda.

1. Id-dagħa u l-ġurament falz huma nuqqas serju ta' rispett lejn Alla.

2. Ikteb iż-żewġ ġrajjiet ta' meta Ġesù laqa' u għen lil Żakkew u 'l-mara l-midinba.